SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

8 ta' Marzu 2012*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 296 sa 298 — Skema komuni b'rata fissa għall-bdiewa — Perċentwali fissa ta' kumpens b'rata żero"

Fil-Kawża C-524/10,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2010,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn M. Afonso, bħala aġent, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Portugiża, irrappreżentata minn L. Inez Fernandes u R. Laires, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, K. Schiemann, L. Bay Larsen, C. Toader u E. Jarašiūnas (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Settembru 2011,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2011,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi tapplika fil-konfront tal-produtturi agrikoli skema partikolari li ma tosservax l-iskema stabbilita mid-Direttiva 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT"), minħabba l-fatt li teżentahom mill-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT"), u billi tapplika perċentwali fissa ta' kumpens b'rata żero, filwaqt li tipproċedi parallellament b'kumpens negattiv sostanzjali fir-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea dovut minnha fuq il-ġbir tal-VAT, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 296 sa 298 tal-imsemmija direttiva.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

2 Id-Direttiva tal-VAT fl-Artikoli 295 sa 305 tagħha tistabbilixxi r-regoli relatati mal-iskema komuni b'rata fissa tal-bdiewa (iktar 'il quddiem l-"iskema agrikola b'rata fissa"). Dik l-iskema kienet, sal-1 ta' Jannar 2007, irregolata mill-Artikolu 25 tas-Sitt Direttiva, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

3 Skont il-punti 1 sa 5 tal-Artikolu 295(1) tad-Direttiva tal-VAT, dik l-iskema tikkonċerna, essenzjalment, il-kunsinna ta' oġġetti (prodotti agrikoli) mwettqa fil-kuntest ta' attivitajiet agrikoli, forestali jew tas-sajd kif ukoll il-provvista ta' servizzi agrikoli, enumerati rispettivament fl-Annessi VII u VIII tal-istess direttiva, li jitwettqu minn bidwi, fejn l-espressjoni "bidwi b'rata fissa" tirreferi għal bidwi li fil-konfront tiegħu tapplika l-iskema agrikola b'rata fissa.

4 Il-punt 7 tal-Artikolu 295(1) tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi li l-"persentaġġi kompensatorji b'rata fissa" tfisser il-"persentaġġi ffissati mill-Istati Membri skond l-Artikoli 297, 298 u 299 u applikati minnhom fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 300 li jippermettu lill-bdiewa b'rata fissa li jpattu b'rata fissa il-VAT fuq ix-xiri imposta". Dan l-oneru jikkorrispondi, skont il-punt 6 tal-imsemmi artikolu, għall-"ammont tal-VAT totali li għandu x'jaqsam mal-merkanzija u s-servizzi mixtrija mill-impriżi agrikoli, tal-foresti u tas-sajd ta' kull Stat Membru soġġett għall-iskema ta' rata fissa fejn tali taxxa tkun imnaqqsa skond l-Artikoli 167, 168 u 169 u l-Artikoli 173 sa 177 minn bidwi soġġett għall-arranġamenti normali tal-VAT".

5 L-Artikoli 296 sa 298 tad-Direttiva tal-VAT jiddikjaraw:

"Artikolu 296

1. Fejn l-applikazzjoni għall-bdiewa ta' l-arranġamenti normali tal-VAT, jew l-iskema speċjali pprovduta fil-Kapitolu 1, x'aktarx li twassal għal diffikultajiet, l-Istati Membri jistgħu japplikaw għall-bdiewa, skond dan il-Kapitolu, skema b'rata fissa mfassla b'mod li tpatti għall-VAT imposta fuq xiri ta' merkanzija u servizzi magħmula mill-bdiewa b'rata fissa.

2. Kull Stat Membru jista' jeskludi mill-iskema b'rata fissa ċertu kategoriji ta' bdiewa, kif ukoll bdiewa li għalihom applikazzjoni ta' l-arranġamenti normali tal-VAT, jew tal-proċeduri simplifikati previsti fl-Artikolu 281, x'aktarx li ma tirriżultax f'diffikulatjiet amministrattivi.

3. Kull bidwi b'rata fissa jista' jagħżel, soġġett għar-regoli u l-kondizzjonjiet stabbiliti minn kull Stat Membru, għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti normali tal-VAT jew, kif ikun il-każ, il-proċeduri simplifikati previsti fl-Artikolu 281.

Artikolu 297

L-Istati Membri għandhom, fejn hu meħtieġ, jiffissaw il-persentaġġi kompensatorji b'rata fissa. Huma jistgħu jiffissaw persentaġġi li jvarjaw għall-foresterija, għas-sotto-diviżjonijiet differenti ta' l-agrikoltura u għas-sajd.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-persentaġġi ta' kumpens b' rata fissa ffissati skond l-ewwel paragrafu qabel japplikawhom.

Artikolu 298

Il-persentaġġi ta' kumpens b'rata fissa għandhom ikunu kkalkulati abbażi ta' l-istatistika makro-ekonomika għall-bdiewa b'rata fissa waħedhom għat-tliet snin preċedenti.

Il-persentaġġi jistgħu jitnaqqsu jew jiżdiedu sa l-eqreb nofs-punt. L-Istati Membri jistgħu wkoll inaqqsu tali persentaġġi għal rata żero."

6 L-Artikolu 299 tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi li l-perċentwali fissi ta' kumpens ma jistax ikollhom l-effett li jiksbu għall-bdiewa b'rata fissa rifużjonijiet akbar mill-VAT fuq ix-xiri imposta.

7 Skont l-Artikolu 300 tad-Direttiva tal-VAT, il-perċentwali fissi ta' kumpens, essenzjalment għandhom jiġu applikati għall-prezz mingħajr VAT tal-prodotti u tas-servizzi agrikoli li l-bdiewa b'rata fissa jipprovdu jew ifornu lil persuni oħra suġġetti għat-taxxa li ma jibbenefikawx mill-iskema b'rata fissa.

8 L-Artikolu 301 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. Fil-każ tal-provvista ta' prodotti agrikoli jew servizzi agrikoli speċifikati fl-Artikolu 300, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-kumpens b'rata fissa għandu jitħallas jew mill-konsumatur jew mill-awtoritajiet pubbliċi.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe provvista ta' prodotti agrikoli jew servizzi agrikoli għajr dawk speċifikati fl-Artikolu 300, il-kumpens b'rata fissa għandu jitqies li tħallas mill-konsumatur."

9 L-Artikolu 302 tad-Direttiva tal-VAT jiddikjara li meta bidwi b'rata fissa jibbenefika minn kumpens b'rata fissa, huwa ma jkollux dritt għal tnaqqis tal-VAT fir-rigward ta' attivitajiet koperti minn dik l-iskema b'rata fissa.

10 L-Artikolu 303(1) tal-istess direttiva essenzjalment jippreċiża li meta l-konsumatur taxxabbli jħallas kumpens b'rata fissa skont l-imsemmi Artikolu 301(1), huwa jkollu dritt li jnaqqas l-ammont tal-kumpens mill-VAT li għaliha hu responsabbli fl-Istat Membru li fih iwettaq t-tranżazzjonijiet intaxxati tiegħu. Skont il-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu 303, il-konsumatur jista' wkoll, f'ċerti sitwazzjonijiet, jikseb ir-rimbors ta' dak l-ammont mill-awtorità fiskali.

11 Barra minn hekk, is-Sitt Direttiva kienet tipprevedi fl-Artikolu 25(12) tagħha li meta l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw l-iskema agrikola b'rata fissa fit-territorju tagħhom, dawn għandhom jiffissaw il-bażi ta' stima uniformi tal-VAT għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-iskema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni billi jużaw l-metodu komuni ta' kalkolu pprovdut fl-Anness Ċ tal-istess direttiva. Din id-dispożizzjoni u dan l-anness huma riprodotti fid-Direttiva tal-VAT, iżda dawn huma koperti mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89, tad-29 ta' Mejju 1989, dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 197).

12 Skont l-Artikolu 272(1)(e) tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-persuni li jkunu jibbenefikaw mill-iskema agrikola b'rata fissa minn xi wħud jew mill-obbligi kollha msemmija fit-Titolu XI, Kapitoli 2 sa 6, tal-imsemmija direttiva, jiġifieri, b'mod partikolari, l-obbligu li tiġi ddikjarata kwalunkwe attività għall-finijiet tal-identifikazzjoni tagħha, li jinħarġu l-irċevuti bil-VAT u li jinżamm rendikont u li jintbagħtu d-dikjarazzjonijiet tal-VAT.

13 Skont l-Artikolu 395 tal-Att relatat mal-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża u mal-emendi tat-Trattati (ĠU 1985, L 302, p. 23), moqri flimkien mal-Anness XXXVI tal-istess Att, ir-Repubblika Portugiża setgħet tiddiferixxi l-applikazzjoni sħiħa tar-regoli li jikkostitwixxu sistema komuni tal-VAT sal-1 ta' Jannar 1989.

Id-dritt nazzjonali

14 Id-digriet-liġi Nru 195/89, tat-12 ta' Ġunju 1989 (*Diário da República*, serje 1, Nru 133, tat-12 ta' Ġunju 1989), inkluda fil-kodiċi Portugiż tat-taxxa fuq il-valur miżjud (Código do Imposto sobre o Valor Acrescentado, iktar 'il quddiem is-"CIVA"), approvat mid-digriet-liġi Nru 394-B/84 tas-26 ta' Diċembru 1984 (*Diário da República*, serje 1, Nru 297, tas-26 ta' Diċembru 1984), emendat u ppubblikat mill-ġdid permezz tad-digriet-liġi Nru 102/2008, tal-20 ta' Ġunju 2008 (*Diário da República*, serje 1, Nru 118, tal-20 ta' Ġunju 2008), dikjarazzjoni ta' rettifika Nru 44-A/2008, tat-13 ta' Awwissu 2008 (*Diário da República*, serje 1, Nru 156, tat-13 ta' Awwissu 2008), diversi dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jirrendu l-leġiżlazzjoni Portugiża relatata mal-VAT konformi mas-Sitt Direttiva. Fost l-emendi li saru fir-rigward ta' dik il-leġiżlazzjoni hemm id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-iskema partikolari applikabbli għall-bdiewa (iktar 'il quddiem l-"iskema Portugiża inkwistjoni").

15 Skont il-punt 33 tal-Artikolu 9 tas-CIVA, huma eżentati mill-VAT "il-kunsinna ta' oġġetti mwettqa fil-kuntest tal-attivitajiet imsemmija fl-Anness A ta' dan il-kodiċi, kif ukoll tal-provvista ta' servizzi agrikoli ddefiniti fl-Anness B, kemm-il darba dawn jitwettqu b'mod aċċessorju minn bidwi li juża l-kapaċitajiet tiegħu tax-xogħol tal-id u l-makkinarju normali tal-attività agrikola jew forestali". L-Annessi A u B tas-CIVA jikkorrispondu, fis-sustanza, għall-Annessi VII u VIII tad-Direttiva tal-VAT.

16 Minn qari flimkien tal-imsemmi punt 33 tal-Artiklolu 9 u tal-Artikolu 20(1) tas-CIVA jirriżulta li, inkambju għall-eżenzjoni msemmija iktar 'il fuq, il-bdiewa ma jistgħux inaqqsu jew jiksbu r-rimbors tal-ammonti li huma ħallsu bħala VAT fuq l-akkwisti ta' oġġetti u ta' servizzi maħsuba għat-twettiq tal-imsemmija kunsinni u provvisti.

17 Skont l-Artikolu 29(3) tas-CIVA, il-bdiewa li jwettqu biss ħidmiet li huma eżentati, jinħelsu mill-obbligi ordinarji fil-qasam tal-ġbir u tat-trasferiment tal-VAT fuq il-klijenti tagħhom, mill-ħruġ tal-irċevuti, mid-dikjarazzjoni u mir-rendikont li huma obbligi imposti fuq persuni taxxabbli li jaqgħu taħt is-sistema normali tal-VAT.

Il-proċedura prekontenzjuża

18 Permezz ta' ittra ta' intimazzjoni tas-6 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni indikat lir-Repubblika Portugiża, li hija kienet tikkunsidra li l-iskema Portugiża inkwistjoni kienet inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-iskema agrikola b'rata fissa, prevista mid-Direttiva tal-VAT, b'mod partikolari l-Artikoli 296 sa 298 ta' din tal-aħħar, sa fejn il-leġiżlazzjoni Portugiża ma tipprovdix li l-bdiewa li jaqgħu taħt l-imsemmija skema nazzjonali għandhom jirċievu kumpens għat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud imħallsa u tillimita ruħha, sabiex tistabbilixxi eżenzjoni tal-attivitajiet agrikoli, akkumpanjata bl-impossibbiltà tat-tnaqqis tal-ammont tat-taxxa tal-input imħallsa.

19 Fir-risposta tagħha tal-20 ta' Awwissu 2008 għall-imsemmija ittra, ir-Repubblika Portugiża kkontestat l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, billi sostniet li t-tieni sentenza tal-Artikolu 298(2) tad-Direttiva tal-VAT (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjoni inkwistjoni") tawtorizza espressament lill-Istati Membri jistabbilixxu perċentwali fissa għall-kumpens b'rata żero, mingħajr ma din il-possibbiltà tkun marbuta mal-ammont ta' taxxa mħallsa mill-bdiewa li jaqgħu taħt l-iskema Portugiża inkwistjoni. Hija sostniet li l-leġiżlazzjoni Portugiża tipproduċi riżultat li huwa kompatibbli mal-għanijiet segwiti mill-iskema agrikola b'rata fissa, b'mod partikolari dak tas-semplifikazzjoni u li t-trattament fiskali previst minn tali skema, meta tkun akkumpanjata minn kumpens b'rata żero, ikun ekwivalenti għal dak li huma suġġetti għalih l-attivitajiet eżentati mill-VAT li ma jagħtux id-dritt għal tnaqqis. Hija kkonkludiet li, peress li huwa l-kompitu ta' kull Stat Membru li jagħżel il-mezzi li huwa jkollu l-intenzjoni li juża sabiex jimplementa fl-ordinament ġuridiku intern tiegħu d-direttivi li tagħhom huwa d-destinatarju, l-iskema Portugiża inkwistjoni taqa' taħt il-lista ta' attivitajiet eżentati li tinsab fl-Artikolu 9 tas-CIVA.

20 Peress li l-Kummissjoni ma kinitx konvinta b'dik ir-risposta, fis-26 ta' Ġunju 2009 bagħtet lir-Repubblika Portugiża opinjoni motivata, fejn hija tenniet il-pożizzjoni tagħha li l-iskema Portugiża inkwistjoni ma hijiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 296 sa 298 tad-Direttiva tal-VAT.

21 Permezz ta' ittra tal-31 ta' Awwissu 2009, ir-Repubblika Portugiża informat lill-Kummissjoni li hija tirrifjuta li tadotta l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-imsemmija opinjoni motivata u żviluppat b'mod iktar ċirkustanzjali l-argument li hija kienet sostniet fir-risposta tagħha għall-ittra ta' intimazzjoni.

22 Peress li hija kompliet issostni l-pożizzjoni tagħha li l-leġiżlazzjoni Portugiża ma hijiex kompatibbli mal-Artikoli 296 sa 298 tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

23 Il-Kummissjoni tirrileva, fl-ewwel lok, li l-iskema agrikola b'rata fissa ssegwi l-għan tas-semplifikazzjoni fejn il-bdiewa b'rata fissa jistgħu jiġu eżentati mill-osservanza ta' ċertu numru ta' obbligi relattivi għas-sistemi normali jew simplifikati tal-VAT, kif ukoll l-għan ta' kumpens tat-taxxa tal-input imħallsa, maħsub sabiex jiġi evitat li din tal-aħħar tikkontribwixxi għall-iffisar tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli bħala "VAT moħbija".

24 Ladarba Stat Membru jiddeċiedi li japplika l-imsemmija skema fit-territorju tiegħu, huwa jkun marbut, skont l-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 297 tad-Direttiva tal-VAT, li jiffissa, sa fejn dan ikun meħtieġ, perċentwali kumpensatorji b'rata fissa. Issa, l-iskema Portugiża inkwistjoni ma hijiex konformi mal-obbligu li għandu jiġi pprovdut kumpens favur il-bdiewa li jaqgħu taħt dik l-iskema għat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud li huma jħallsu.

25 L-argumenti invokati mir-Repubblika Portugiża sabiex jiġġustifikaw l-iskema Portugiża inkwistjoni ma jistgħux jintlaqgħu. Fl-ewwel lok, id-dispożizzjoni inkwistjoni ma għandhiex il-portata attribwita lilha mill-Istat Membru. Ix-xogħlijiet preparatorji relatati mas-Sitt Direttiva ma jippermettux li tiġi adottata interpretazzjoni differenti.

26 Fit-tieni lok, il-karatteristiċi tal-agrikoltura Portugiża ma jiġġustifikawx l-opinjoni li kumpens b'rata żero, peress li tibqa' vantaġġuża għall-bdiewa Portugiżi li jaqgħu taħt l-iskema inkwistjoni, huwa fi kwalunkwe każ kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

27 Fit-tielet lok, l-obbligu li jiġi ffissat kumpens b'rata fissa fir-rigward tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud ma huwiex suġġett għall-kundizzjoni li l-bdiewa b'rata fissa jkunu jinsabu kollha f'sitwazzjoni ta' kreditu ta' taxxa fir-rigward tal-Istat Membru kkonċernat.

28 Fir-raba' lok, huwa irrilevanti l-fatt li l-Kummissjoni ttardjat sabiex tikkontesta l-iskema nazzjonali inkwistjoni, peress li din l-iskema ġiet stabbilita, essenzjalment, mill-1992. Fuq dak il-punt, il-Kummissjoni tosserva b'mod partikolari li kien biss wara missjoni ta' kontroll tar-riżorsi proprji mwettqa fil-Portugall matul ix-xahar ta' Novembru 2007 li deher li l-ammont tal-VAT mhux imnaqqas mill-bdiewa suġġetti għall-imsemmija skema kien jilħaq madwar 5.3 % tal-bejgħ tagħhom fl-2004 u 7.9 % fl-2005. L-awtoritajiet Portugiżi, peress li kkunsidraw li l-ammont tal-VAT miġbur fis-settur agrikolu kien eċċessiv, applikaw ukoll fl-2004 kumpens negattiv ta' madwar EUR 70 miljun fil-kalkolu tagħhom tal-evalwazzjoni tar-riżorsi proprji.

29 Fil-ħames lok, l-irkupru allegat tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud permezz ta' sussidji u għajnuna pubblika oħra favur attivitajiet agrikoli ma jistax jissostitwixxi l-applikazzjoni korretta tal-iskema agrikola kif prevista mid-Direttiva tal-VAT.

30 Fis-sitt lok, la d-Direttiva tal-VAT, la l-espożizzjoni tal-motivi tas-Sitt Direttiva, u lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-kumpens b'rata fissa inkwistjoni huwa ta' natura mhux fiskali.

31 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li l-leġiżlazzjoni Portugiża hija limitata għal eżenzjoni mill-ħlas tal-VAT u, għaldaqstant, sabiex teskludi mis-sistema komuni tal-VAT, il-bdiewa kollha li ma humiex suġġetti għas-sistema normali, li jirrappreżentaw parti sinjifikattiva tas-settur agrikolu Portugiż, jiġifieri 27 % fl-2004 u 29 % fl-2005. Is-sistema Portugiża inkwistjoni tippreġudika b'mod serju l-prinċipju ta' ġeneralità tal-VAT.

32 Ir-Repubblika Portugiża tikkontesta, fl-ewwel lok, il-fondatezza tal-argumenti ppreżentati mill-Kummissjoni. Meta ġiet adottata s-Sitt Direttiva, ir-rata żero kienet applikata biss b'mod residwu u tranżitorju ħafna. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-applikazzjoni ta' perċentwali ta' kumpens ekwivalenti għal żero kienet marbuta mal-applikazzjoni ta' taxxa b'rata żero fuq akkwisti tal-input, sakemm ma jiġix ammess li l-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 25(3) tas-Sitt Direttiva, dispożizzjoni li issa tinsab fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 298 tad-Direttiva tal-VAT, kienet mill-bidu prattikament inapplikabbli.

33 Barra minn hekk, fl-ewwel lok, il-Kunsill iddeċieda li jemenda l-proposta tas-Sitt Direttiva prodotta mill-Kummissjoni billi inkluda l-imsemmija possibbiltà. Madankollu, peress li dik il-proposta kienet diġà tipprevedi l-possibbiltà li jiġu arrotondati l-perċentwali 'l fuq jew l-isfel, u għaldaqstant il-fakultà li dawn jiġu arrotondati għal żero meta dawk kienu qrib dik iċ-ċifra, l-emenda mwettqa mill-Kunsill neċessarjament marret lil hinn mill-imsemmija proposta. Fl-espożizzjoni tal-motivi mehmuża magħha, il-Kummissjoni indikat ukoll li l-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiffissaw b'mod liberu l-perċentwali fissa ta' kumpens u li l-perċentwali li jirriżultaw mill-kalkoli makroekonomiċi rilevanti kienu jikkostitwixxu biss limiti massimi. Iż-żieda tat-terminu "ukoll" fid-dispożizzjoni inkwistjoni, li ma kinitx tinsab fid-dispożizzjoni korrispondenti tas-Sitt Direttiva u li tikkostitwixxi emenda purament formali, tikkonferma li l-Istati Membri jistgħu jiffissaw perċentwali fissi ta' kumpens ekwivalenti għal żero indipendentement miċ-ċirkustanzi.

34 Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, Stat Membru, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu tkun konformi mal-kliem ċar u preċiż ta' dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT ma jistax jiġi akkużat li naqas li jwettaq l-obbligi tiegħu li jirriżultaw preċiżament minn dik id-dispożizzjoni. Għaldaqstant ir-rikors ma jistax jintlaqa'.

35 Fit-tieni lok, l-ammissjoni tal-interpretazzjoni mressqa mill-Kummissjoni tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali kif ukoll l-għan ta' applikazzjoni sempliċi u uniformi tar-regoli tas-sistema komuni tal-VAT.

36 Fit-tielet lok, fil-kuntest tal-iskema agrikola b'rata fissa, l-unika rwol tal-Kummissjoni huwa dak li tivverifika li l-livell ta' kumpens iffissat mill-Istat Membru ma jwassalx għal kumpens għoli wisq. Il-Kummissjoni ma għandhiex il-possibbiltà li titlob lil Stat Membru japplika perċentwali ta' kumpens ogħla minn dak li huwa jkun iddeċieda li jistabbilixxi.

37 Dawk l-elementi differenti jikkonfermaw l-interpretazzjoni letterali tad-dispożizzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni sostnuta mir-Repubblika Portugiża ma tmur la kontra l-eżiġenza ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u lanqas kontra dak ta' trattament ugwali u ta' newtralità fiskali. F'dak ir-rigward, dak l-Istat Membru jsostni li l-iskema agrikola b'rata fissa fiha nnifsha tista' tippreġudika dik in-newtralità, sa fejn din tippermetti l-applikazzjoni ta' preċentwali fissi ta' kumpens iddeterminati abbażi ta' sempliċi stima.

38 Sussidjarjament, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-għażla tagħha li ma tipprovdix kumpens għat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud sostnuta mill-bdiewa li jaqgħu taħt l-iskema Portugiża inkwistjoni hija koerenti mill-perspettiva fiskali.

39 Fl-ewwel lok, iċ-ċirkustanzi li kienu jeżistu fil-Portugall meta daħlet fis-seħħ is-Sitt Direttiva f'dak l-Istat Membru ma nbidlux b'mod sinjifikattiv, u s-sitwazzjoni attwali fil-qasam tal-VAT għandha llum l-istess elementi li kienu jeżistu fl-1 ta' Jannar 1989. Barra minn hekk, anki jekk jiġi preżunt li kien hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi invokati mill-Kummissjoni, dak it-tibdil seħħ kważi 17-il sena ilu, peress li r-rata żero tħassret mil-leġiżlazzjoni Portugiża f'Marzu tal-1992.

40 Għalhekk, il-fatt li l-perċentwali fissi ta' kumpens għandhom jiġu ffissati "fejn hu xieraq" jimplika li jeżistu sitwazzjonijiet li fihom l-iffissar ta' tali perċentwali ma huwiex iġġustifikat. Dan ikun il-każ b'mod partikolari meta l-bdiewa kollha ma jkunux jinsabu f'sitwazzjoni ta' kreditu tal-VAT fil-konfront tal-Istat. Barra minn hekk, jirriżulta b'mod partikolari mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-kalkolu tal-limitu massimu ta' kumpens għandu jieħu kont tat-taxxa tal-output fuq il-valur miżjud b'mod konformi mal-iskema normali u li, sabiex din ma tkunx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, l-iskema agrikola b'rata fissa ma tistax tippermetti lill-Istati Membri jirrimborsaw lill-bdiewa b'rata fissa ammonti akbar mir-rimbors tal-VAT li kien ikollhom dritt għalih li kieku kienu jaqgħu taħt l-iskema normali.

41 Issa, fil-Portugall, kemm fl-1 ta' Jannar 1989 kif ukoll attwalment, l-ammonti tal-VAT marbuta mal-akkwisti ta' oġġetti u servizzi maħsuba għal attivitajiet agrikoli u li jistgħu jitnaqqsu fil-kuntest tal-iskema normali huma inqas mill-ammonti tal-VAT dovuti lill-Istat li jirriżultaw mill-ġbir u ċ-ċessjoni tal-VAT fuq l-akkwirenti tal-oġġetti u tas-servizzi agrikoli. Għaldaqstant il-bdiewa ma jinsabux kollha f'sitwazzjoni ta' kreditu tal-VAT fir-rigward tal-Istat. Għalhekk, l-iffissar ta' perċentwali ta' kumpens għat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud sostnuta b'rata żero huwa fil-każ tar-Repubblika Portugiża, l-unika soluzzjoni fiskali adatta u koerenti.

42 F'dak ir-rigward, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-Kummissjoni ma wrietx la matul il-fażi prekontenzjuża u lanqas fir-rikors tagħha kif hija waslet għar-rata ta' 5.3 % u 7.9 % u li, barra minn hekk, hija ma tafx minn fejn oriġinaw dawk ir-rati. Għaldaqstant dak l-Istat Membru ma huwiex f'pożizzjoni li jikkontesta dawk ir-rati, li għaldaqstant ma jistgħux jintużaw mill-Kummissjoni sabiex timponi fuqu l-għoti lill-bdiewa li jaqgħu taħt l-iskema Portugiża inkwistjoni kumpens li jekwivali jew li huwa qrib ta' dawn tal-aħħar. Fi kwalunkwe każ, dawk ir-rati jirrappreżentaw biss livell massimu.

43 Fit-tieni lok, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-iskema Portugiża inkwistjoni hija konformi mal-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema kif previst mid-Direttiva tal-VAT kif ukoll mal-għan ta' simplifikazzjoni tar-regoli u tal-proċeduri, peress li l-liġi nazzjonali teħles lill-bdiewa li jaqgħu taħt l-imsemmija skema

minn kull obbligu fil-qasam tal-ħruġ tal-irċevuti, tal-ġbir, tad-dikjarazzjonijiet, tar-rendikont, taċ-ċessjoni u tal-ħlas tal-VAT. Barra minn hekk, huwa biss permezz tal-iffissar ta' perċentwali ta' kumpens b'rata żero li huwa possibbli li tinkiseb semplifikazzjoni sħiħa u għaldaqstant vera. L-imsemmija skema għalhekk tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-obbligu ta' traspożizzjoni tad-dritt derivat fid-dritt nazzjonali.

44 Barra minn hekk, l-irkupru tal-ammonti tal-VAT sostnuti fir-rigward tal-akkwisti tal-oġġetti u tas-servizzi maħsuba għal attivitajiet agrikoli hija kważi dejjem żgurata permezz ta' għajnuna jew sussidji oħra mogħtija mill-Istat u entitajiet pubbliċi oħra.

45 Fit-tielet lok, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-għan tal-kumpens, favur il-bdiewa, għat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud li huma ħallsu fuq l-imsemmija akkwisti ma ġietx invokata fl-ittra ta' intimazzjoni jew fl-opinjoni motivata. Minħabba dan, anki jekk dan l-għan tal-kumpens kellu jiġi stabbilit, il-kumpens eventwali ma jkunx ta' natura fiskali. Għaldaqstant is-Sitt Direttiva u d-Direttiva tal-VAT ma kinux kapaċi jimponu l-obbligu tal-ħlas tal-kumpens.

46 Fl-aħħar lok, ir-Repubblika Portugiża tenfasizza li l-Kummissjoni tiskarta hija stess, fir-rikors tagħha, il-kwistjoni tal-allegat dejn Portugiż fil-qasam tar-riżorsi proprji tal-Unjoni marbuta mal-iskema agrikola b'rata fissa. Madakollu hija ssostni, b'mod partikolari, li, anki li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha taċċetta l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, dan ma setax jimplika żieda tal-parteċipazzjoni Portugiża fir-riżorsi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

47 Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żewġ ilmenti separati, fejn wieħed minnhom huwa relatat mal-applikazzjoni fil-konfront tal-bdiewa li jaqgħu taħt l-iskema Portugiża inkwistjoni ta' skema partikolari li teżentahom mill-ħlas tal-VAT u tinkludi l-applikazzjoni ta' perċentwali fissa ta' kumpens b'rata żero, u l-ieħor relatat mal-kumpens negattiv tar-riżorsi proprji dovut mir-Repubblika Portugiża in konnessjoni mal-ġbir tal-VAT.

Fuq l-ewwel ilment, relatat mal-eżenzjoni u mal-applikazzjoni ta' perċentwali fissa ta' kumpens b'rata żero

48 Kif jirriżulta mill-Artikoli 272(1)(e) u 296(1) tad-Direttiva tal-VAT, l-iskema agrikola b'rata fissa hija intiża sabiex tippermetti lill-Istati Membri jeħilsu lill-bdiewa, li l-issuġġettar tagħhom għall-iskema normali jew għall-iskema partikolari tal-impriżi ż-żgħar jista' jagħti lok għal diffikultajiet, minn uħud jew mill-obbligi kollha li għalihom ikunu normalment suġġetti l-persuni li jaqgħu taħt l-iskema normali tal-VAT, billi jagħtuhom kumpens b'rata fissa għat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud imħallsa mill-bdiewa. Għaldaqstant din l-iskema ssegwi kemm l-għan ta' simplifikazzjoni (sentenza tas-26 ta' Mejju 2005, Stadt Sundern, C-43/04, Ġabra p. I-4491, punt 28) kif ukoll dak ta' kumpens għat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud (sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Harbs, C-321/02, Ġabra p. I-7101, punt 29). Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni, kif jirriżulta mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tagħmel riferiment għal dan l-għan tal-aħħar kemm fl-ittra ta' intimazzjoni kif ukoll fl-opinjoni motivata, fi kwalunkwe każ ma hemm l-ebda bażi biex ir-Repubblika Portugiża tippretendi li dak l-għan ma ntużax bħala bażi għall-ilment f'din il-kawża.

49 Jeħtieġ li jitfakkar ukoll qabel xejn li, minn naħa, l-iskema agrikola b'rata fissa hija skema derogatorja li tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-iskema ġenerali tad-Direttiva tal-VAT u għaldaqstant ma għandhiex tiġi applikata lil hinn min dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tagħha. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, kull deroga jew eċċezzjoni għar-regola ġenerali għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Harbs, punt 27, u Stadt Sundern, punt 27). Min-naħa l-oħra, l-eżenzjoni tal-VAT għall-attivitajiet agrikoli ma hijiex prevista mid-Direttiva tal-VAT. Għall-kuntrarju, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punti 46 sa 48 tal-konklużjonijiet tagħha, għalkemm

ma tinġabar l-ebda VAT fuq il-bejgħ tal-bdiewa b'rata fissa, l-iskema agrikola b'rata fissa nħolqot speċifikament bil-ħsieb li ma tkunx skema ta' eżenzjoni, peress li tali skema ma kinitx tirrendi possibbli l-eliminazzjoni tal-piż tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud u għalhekk tiżgura n-newtralità tas-sistema komuni tal-VAT. Barra minn hekk, mill-Artikolu 296(1) tal-imsemmija direttiva jirriżulta li l-bdiewa huma bħala regola suġġetti jew għall-iskema normali, jew għall-iskema partikolari tal-impriżi ż-żgħar, jew għall-imsemmija skema b'rata fissa.

50 Barra minn hekk, għalkemm is-semplifikazzjoni tal-obbligi amministrattivi imposti fuq il-bdiewa b'rata fissa hija waħda mill-għanijiet segwiti mill-iskema agrikola b'rata fissa, il-mira tas-semplifikazzjoni ma tistax tiġġustifika l-istabbiliment ta' eżenzjoni mhux prevista mid-Direttiva tal-VAT (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Settembru 2006, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-128/05, Ġabra p. I-9265, punt 25). Dan huwa iktar il-każ peress li dak l-għan ta' simplifikazzjoni għandu, f'dan il-każ, jiġi kkonċiljat ma' dak tal-kumpens għat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud sostnuta mill-bdiewa kkonċernati, li neċessarjament jimplika li jiġu imposti numru minimu ta' obbligi amministrattivi fuq il-bdiewa b'rata fissa, b'mod partikolari bil-għan li tiġi miġbura d-data neċessarja għad-determinazzjoni tal-perċentwali fissi ta' kumpens applikabbli.

51 Issa, fejn l-bdiewa effettivament ikollhom il-piż tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud li ma jkunx negliġibbli, ikun kontra dan l-għan tal-aħħar li dawn ma jingħatawx il-kumpens għal tali piż.

52 Barra minn hekk, skont il-premessa 7 tad-Direttiva tal-VAT, is-sistema komuni tal-VAT għandha twassal għal newtralità fil-kompetizzjoni, b'mod li fit-territorju ta' kull Stat Membru, l-oġġetti u s-servizzi simili għandhom iġorru l-istess piż ta' taxxa, ikun xi jkun it-tul tal-katina tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni. Għalhekk, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punti 45 sa 48 tal-konklużjonijiet tagħha, l-iskema agrikola b'rata fissa hija intiża wkoll sabiex tippreżerva kemm jista' jkun in-newtralità tal-VAT, peress li l-għan tal-kumpens huwa li jiġi evitat li l-piż tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud ma jiġix ittrasferit fuq it-tranżazzjonijiet tal-output u għalhekk ma jkunx iwassal għal żieda fuq il-prezz li mbagħad ikun fih innifsu suġġett għal dik it-taxxa u tiżdied gradwalment tul il-katina tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni tal-prodotti u tas-servizzi fornuti mill-bdiewa b'rata fissa. Konsegwentement, interpretazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni bħala li tħalli lill-Istati Membri liberi li jnaqsu l-perċentwali fissi ta' kumpens sar rata żero anki meta l-bdiewa b'rata fissa jkollhom il-piż tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud li ma tkunx negliġibbli, tkun ta' ħsara għall-imsemmija newtralità.

53 Ċertament, il-ħlas ta' kumpens sempliċi li tkun purament b'rata fissa ma jwassalx, bħala definizzjoni, sabiex tiġi żgurata newtralità sħiħa tal-VAT. Madankollu dan jippermetti li tiġi żgurata l-aħjar newtralità possibbli b'kunsiderazzjoni tan-neċessità li din u l-għan tal-kumpens jiġu kkonċiljati mal-għan tas-semplifikazzjoni tar-regoli li huma suġġetti għalihom il-bdiewa, li huwa wkoll wieħed mill-għanijiet tal-iskema agrikola b'rata fissa, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 48 ta' din is-sentenza.

54 F'dak il-kuntest, l-uniċi modalitajiet ta' determinazzjoni tal-preċentwali fissa ta' kumpens kif previsti fl-Artikolu 298 tad-Direttiva tal-VAT ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li jikkontestaw dawk l-għanijiet. Għaldaqstant ma jistax jiġi ammess li eżenzjoni sempliċi tal-attivitajiet agrikoli, peress li din tkun, mill-perspettiva funzjonali, ekwivalenti għall-applikazzjoni ta' perċentwali fissa ta' kumpens b'rata żero, tista' tiġi kkunsidrata bħala traspożizzjoni adegwata tar-regoli tad-Direttiva tal-VAT relatati mal-iskema agrikola b'rata fissa u, b'mod partikolari, tal-Artikoli 296 sa 298 ta' din tal-aħħar.

55 F'dak ir-rigward, hemm ukoll lok li jiġi kkonstatat li l-possibbiltà li jitnaqqsu l-perċentwali fissi ta' kumpens sar-rata żero tikkostitwixxi possibbiltà addizzjonali għal dik ta' arrotondament tal-preċentwali 'l fuq jew l-isfel sa l-eqreb nofs punt kif prevista fl-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 298 tad-Direttiva tal-VAT. Madankollu, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, dik il-possibbiltà ta' tnaqqis sar-rata żero hija offruta lill-Istati Memebri biss meta l-perċentwali li jirriżultaw mill-kalkoli mwettqa skont l-ewwel paragrafu tal-istess Artikolu 298, anki meta dawn ikunu ikbar minn 0.5 %, ma jkunux inqas negliġibbli u, konsegwentement, meta l-piż globali tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud sostnuta mill-bdiewa b'rata fissa jkun jista' jiġi kkunsidrat bħala negliġibbli.

56 Kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punti 20 sa 33 u 56 sa 58 ta' dawk il-konklużjonijiet, minn naħa, la l-kliem tad-dispożizzjoni inkwistjoni u lanqas ix-xogħlijiet preparatorji tas-Sitt Direttiva ma jipprekludu dik l-interpretazzjoni tal-Artikoli 296 sa 298 tad-Direttiva tal-VAT u, min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Portugiża ma tistax tinvoka b'mod utli mis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-582/08, Ġabra p. I-7195) sabiex issostni li dik l-interpretazzjoni ma tistax tiġi invokata kontriha.

57 Hemm lok ukoll li jiġi enfasizzat li, b'mod kuntrarju għal dak li ssostni r-Repubblika Portugiża, hija interpretazzjoni tad-dispożizzjoni inwkistjoni li tħalli lill-Istati Membri liberi sabiex jiffissaw il-perċentwali fissi ta' kumpens b'rata żero indipendentement miċ-ċirkustanzi li tkun tikser iċ-ċertezza legali u l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tas-sistema komuni tal-VAT fl-Unjoni.

58 F'dan il-każ, u mingħajr ma hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà jew ir-rilevanza tal-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq ir-rati ta' 5.3 % u ta' 7.9 % li hija tinvoka, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li r-Repubblika Portugiża tammetti li r-rata żero tal-VAT tħassret mil-leġiżlazzjoni tagħha matul is-sena 1992 u li l-oġġetti u s-servizzi akkwistati b'mod ġenerali mill-bdiewa għall-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom minn dakinhar saru suġġetti, skont il-każ, għar-rata tal-VAT ta'6 % jew ta' 13 %. Għaldaqstant, il-bdiewa Portugiżi b'rata fissa huma suġġetti neċessarjament għal piż tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud li ma huwiex negliġibbli u li, minħabba f'hekk, għandu jiġi kkumpensat. Għaldaqstant, dak l-Istat Membru ma huwiex ġustifikat li japplika perċentwali fissa ta' kumpens b'rata żero fil-konfront tal-bdiewa li jaqgħu taħt l-iskema Portugiża inkwistjoni.

59 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat, qabel xejn, li l-argument tar-Repubblika Portugiża li jkun hemm lok li tiġi ffissata perċentwali fissa ta' kumpens ogħla minn żero biss meta l-bdiewa jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' kreditu tal-VAT fil-konfront tal-Istat ma huwiex sostnut mit-test tad-Direttiva tal-VAT. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li, għalkemm id-data makroekonomika relatata biss mal-bdiewa b'rata fissa, li jagħmel riferiment għaliha l-Artikolu 298 tad-Direttiva tal-VAT, tinkludi, kif tindika r-Repubblika Portugiża, id-dħul (konsum intermedju u formazzjoni sħiħa tal-assi fissi) u l-ħruġ (produzzjoni finali inkluża l-awtokonsumazzjoni), kif ukoll l-ammont totali tat-taxxi relatati mad-dħul, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li l-perċentwali fissi ta' kumpens jinkisbu billi jiġi diviż l-ammont totali ta' taxxi relatati mad-dħul bil-ħruġ (sentenza tat-28 ta' Ġunju 1988, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 3/86, Ġabra p. 3369, punt 8). Għaldaqstant, it-taxxa tal-output fuq il-valur miżjud eventwalment dovuta u, għaldaqstant, is-sitwazzjoni eventwali ta' kreditu ta' taxxa tal-bdiewa, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt l-iskema b'rata fissa, ma tittieħidx inkunsiderazzjoni fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-perċentwali fissa ta' kumpens applikabbli.

60 Imbagħad, skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif tirriżulta meta jiskadi t-terminu preskritt fl-opinjoni motivata (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Ottubru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-110/00, Ġabra p. I-7545, punt 13, u tat-3 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-487/08, Ġabra p. I-4843, punt 34). Barra minn hekk, ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 258 TFUE għandhom jiġu applikati qabel ma l-Kummissjoni tkun obbligata tosserva terminu speċifiku. Għaldaqstant, din għandha setgħa diskrezzjonali rigward id-data meta jista' jiġi ppreżentat rikors, u konsegwentement, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, li tikkontrolla tali diskrezzjoni (sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-297/08, Ġabra p. I-1749, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Għaldaqstant isegwi li peress li r-Repubblika Portugiża ma tikkontestax li, fl-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, il-piż globali tal-VAT impost fuq il-fatturi ta' produzzjoni agrikola u sostnut mill-bdiewa li jaqgħu taħt l-iskema Portugiża inkwistjoni ma kienx negliġibbli, kif ikkonstatat fil-punt 58 ta' din is-sentenza, il-fatt, anki jekk jiġi preżunt bħala stabbilit, li ċ-ċirkustanzi eżistenti fil-Portugall f'dak ir-rigward baqgħu sostanzjalment ma nbidlux mill-1992, u anki mill-1989, ma jkollux effett fuq l-analiżi tal-fondatezza tar-rikors tal-Kummissjoni.

62 Fl-aħħar nett, fl-ewwel lok, id-Direttiva tal-VAT tiddikjara espressament, fl-Artikolu 296(1), li l-iskema agrikola b'rata fissa hija intiża sabiex tikkumpensa l-piż tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud sostnuta mill-bdiewa b'rata fissa. Għaldaqstant ma jistax jiġi ammess li dak il-kumpens jikkonċerna b'mod ġenerali l-ispejjeż inerenti għall-attività agrikola u għalhekk hija ta' natura mhux fiskali u li l-ħlas tiegħu ma jistax jiġi impost b'applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT. Min-naħa l-oħra, din tal-aħħar tipprevedi fl-Artikoli 300 u 301 tagħha, il-modalitajiet prinċipali li abbażi tagħhom il-kumpens effettiv, li huwa intitolat għalih bidwi b'rata fissa, għandu jiġi ddeterminat u mħallas lil dan tal-aħħar. Għaldaqstant ma jistax jiġi ammess iktar li l-piż tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud sostnuta mill-bdiewa li jaqgħu taħt l-iskema Portugiża inkwistjoni jista' jiġi kkumpensat b'vantaġġ għalihom permezz ta' miżuri oħra minbarra l-ħlas ta' kumpens b'rata fissa kif previst mill-imsemmija direttiva.

63 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-ewwel ilment invokat mill-Kummissjoni insostenn tar-rikors tagħha għandu jiġi kkunsidrat bħala fondat.

Fuq it-tieni lment, relatat mal-kumpens negattiv tar-riżorsi proprji dovut in konnessjoni mal-ġbir tal-VAT

64 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' teżamina *ex officio* jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 258 TFUE għall-preżentata ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ġewx sodisfatti (sentenzi tal-31 ta' Marzu 1992, C-362/90, Ġabra p. I-2353, punt 8, u Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 70).

65 Mill-Artikolu 38(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-ġurisprudenza relatata miegħu jirriżulta li kull rikors promotur għandu jindika s-suġġett tal-kawża u sunt tal-motivi, u li din l-indikazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha. Huwa għalhekk neċessarju li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' dritt li fuqhom huwa bbażat rikors għandhom jiġu indikati b'mod koerenti u li jistgħu jiftiehmu fir-rikors innifsu (sentenzi tad-9 ta' Jannar 2003, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-178/00, Ġabra p. I-303, punt 6, u tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-211/08, Ġabra p. I-5267, punt 32).

66 F'dan il-każ, it-tieni lment ippreżentat mill-Kummissjoni ma jissodisfax dawk ir-rekwiżiti. Fil-fatt, permezz ta' dak l-ilment, il-Kummissjoni tallega li r-Repubblika Portugiża applikat kumpens negattiv sostanzjali tar-riżorsi proprji dovuti in konnessjoni mal-ġbir tal-VAT. Madankollu, fl-espożizzjoni tal-motivi tagħha, il-Kummissjoni tillimita ruħha sabiex tindika li, f'każ li jiġi stabbilit ksur tad-Direttiva tal-VAT, li konsegwentement jirriżulta fi tnaqqis tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, hija tkun intitolata li tirċievi l-ammont totali tar-riżorsi proprji kkonċernati, miżjuda bl-interessi għal ħlas tardiv relatat miegħu. Hija tonqos milli tispjega b'mod preċiż liema obbligu ma wettaqx dak l-Istat Membru billi ta tali kumpens. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonferma, fir-rikors tagħha, li "din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma għandhiex l-għan li teżamina sa liema punt ir-Repubblika Portugiża kkonformat ruħha mal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ġbir tar-riżorsi proprji", u b'hekk tikkontradixxi wkoll it-tieni lment iddikjarat fit-talbiet li hija ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

67 Isegwi li t-tieni lment għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

68 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li jiġi kkonstatat li, billi applikat fil-konfront tal-bdiewa skema partikolari li ma tosservax l-iskema stabbilita mid-Direttiva tal-VAT, peress li teżentahom mill-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud u tinkludi l-applikazzjoni ta' perċentwali fissa ta' kumpens b'rata żero, ir-Repubblika Portugiża naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikoli 296 sa 298 tal-imsemmija direttiva.

Fuq l-ispejjeż

69 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Skont l-ewwel sentenza tal-paragrafu 3 tal-istess artikolu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha b'mod partikolari jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom. Peress li r-rikors tal-Kummissjoni ntlaqa' biss parzjalment, hemm lok li jiġi deċiż li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Billi applikat fil-konfront tal-bdiewa skema partikolari li ma tosservax l-iskema stabbilita mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud peress li teżentahom mill-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud u tinkludi l-applikazzjoni ta' perċentwali fissa ta' kumpens b'rata żero, ir-Repubblika Portugiża naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikoli 296 sa 298 tal-imsemmija direttiva.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika Portugiża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Firem